MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2012

Mandat Numru. 1260/2012/1

**Paul Mizzi (ID 602149M)**

**vs**

**Joan sive Jane Mizzi (ID267858M) u b'digriet tal-14 ta' Novembru 2012 gew nominati Dr Martin Fenech u l-PL Sasha Guillaumier bhala kuraturi deputati sabiex jirrappresentaw lill-eredi ta' Alfred Mizzi (ID 536357M), id-dettalji taghhom huma: Joan Mizzi bint John Spiteri u Carmela nee Cutajar imwielda Tarxien u residenti M'Scala. Alfred Mizzi, kuntrattur, bin Anthony u Concetta nee Scerri mwieled Tarxien u residenti M'Scala.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors ta' Paul Mizzi datat 29 ta' Awissu, 2012 a fol. 1 tal-process fejn espona illi sabiex jikkawtela d-drittijiet

tieghu, jixtieq izomm lill-intimati milli jbieghu, jnehhu, jitrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprejta`, u b'mod partikolari *bungalow* bin-numru ufficjali disgha u tletin (39) Triq il-Qawwara, M'Scala u l-garaxx konness mal-istess bungalow bin-numru ufficjali sittin (60) inkluz l-arja ta' fuq l-istess garaxx fi Triq il-Hut M'Scala, u umilment talab lil din l-Onorabbli Qorti tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 29 ta' Awwissu 2012 fejn laqghet provizorjament it-talba u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-4 ta' Settembru 2012 fid-9.45a.m. u ordnat in-notifika ta' l-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat' ijiem zmien ghar-risposta.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Qorti fl-4 ta' Settembru 2012, fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr. Stefano Filletti ghar-rikorrenti prezenti, u peress li l-intimata kienet ghadha mhux notifikata, Dr. Stefano Filletti talab li n-notifika ssir wara l-hinijiet legali *ai termini* tal-**artikolu 187 (3) tal-Kapitlu 12**. Il-Qorti laqghet t-talba, u r-rikors gie differit ghat-28 ta' Settembru, 2012; fit-28 ta' Settembru 2012 fejn ma deher hadd u r-rikors gie differit ghan-notifika u trattazzjoni ghat-30 ta' Ottubru 2012.

Rat li n-notifika saret permezz tal-affissjoni fl-4 t'Ottubru 2012, fil-Gazzetta tal-Gvern fid-9 ta' Ottubru 2012 u f'zewg gazzetti lokali fit-18 ta' Ottubru 2012 u fl-24 ta' Ottubru 2012.

Rat id-digriet tal-14 ta' Novembru 2012 moghti mill-Onor Imhallef Jacqueline Padovani Grima, fejn gew nominati Dr Martin Fenech u l-PL Sasha Guillaumier bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eredi ta' Alfred Mizzi (ID536357M).

Rat li ghalkemm l-intimata Joan sive Jane Mizzi giet notifikata baqghet ma pprezentat l-ebda risposta.

Rat il-verbal tat-30 t'Ottubru 2012 fejn ir-rikors gie differit ghall-15 ta' Novembru 2012.

Rat il-visto tal-kuraturi deputati tal-15 ta' Novembru 2012 fejn irrimettew ruhhom ghall-atti.

Rat il-verbal tal-15 ta' Novembru 2012 fejn dehru Dr Stefano Filletti ghar-rikorrenti u Dr Sharon Pace Gouder ghall-intimata Joan sive Jane Mizzi prezenti. Dr Pace Gouder infurmat lill-Qorti li l-intimata fethet kawza sabiex timpunja l-kuntratt tal-10 ta' Awissu 2010. Il-Qorti semghet lid-difensuri prezenti tal-partijiet.

Illi l-Qorti tiddisponi mill-istess billi wara li rat ir-rikors datat 29 ta' Awwissu 2012, tiddeciedi billi peress li mir-rikors jirrizulta *prima facie* id-dritt vantat mir-rikorrenti u jirrizulta wkoll li jekk ma jinharigx tali mandat l-istess rikorrenti jista' jigi serjament ippregudikat, din il-Qorti qed tilqa' t-talba ghall-hrug ta' l-istess fit-termini mposti fir-rikors promotorju.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Degretat.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------